# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja
# 2016
# L-Iskema tal-Marki
# Il-Malti: Il-Kitba

**Aċċetta l-kitba ta' kliem mill-Ingliż jekk jinkiteb kif jinħass fil-Malti jew kif jinkiteb fl-Ingliż, dejjem jekk ma jkunx hemm kliem ieħor popolari bi lsienna.**

<table>
<tr><td colspan="4">A. Il-Kitba ta' Stedina (10 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="4">Il-kitba ta' stedina tista' tinkludi fiha: il-persuni li se jkunu mistiedna; meta, fejn, fi x'ħin u għaliex se jsir il-festin / se ssir il-lejla; x'attivitajiet se jiġu organizzati.<br>L-istedina tista' tkun maqsuma f'paragrafi jew tinkiteb f'paragrafu wieħed.</td></tr>
<tr><td colspan="4">L-Espressjoni (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="2">0-1</td><td colspan="2">2</td></tr>
<tr><td colspan="2">Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba.</td><td colspan="2">Jaf jesprimi ruħu tajjeb u b'mod ċar.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Il-Vokabularju (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="2">0 - 1</td><td colspan="2">2</td></tr>
<tr><td colspan="2">Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju.</td><td colspan="2">Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="2">0 – 1</td><td colspan="2">2</td></tr>
<tr><td colspan="2">Ħa ħafna żbalji tal-grammatika u ma jafx jibni sentenza sew.</td><td colspan="2">Jaf ir-regoli ewlenin tal-grammatika u l-istruttura tas-sentenza hija tajba.</td></tr>
<tr><td colspan="4">L-Ortografija u l-Punteġġjatura (3 marki)</td></tr>
<tr><td>0</td><td>1</td><td>2</td><td>3</td></tr>
<tr><td>Ġab iktar minn 10 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab bejn 7 u 9 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab bejn 4 u 6 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab 3 żbalji jew inqas mhux repetuti.</td></tr>
<tr><td colspan="4">L-Eċċellenza (marka)</td></tr>
<tr><td colspan="4">Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka.</td></tr>
<tr><td colspan="4">F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="2">B. Il-Pjan (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="2">Il-pjan jista' jkun magħmul b'diversi modi. Jista' jkun fih kliem u/jew tpinġijiet.<br>Għall-pjan tnaqqasx marki għall-ortografija, għall-grammatika u għall-punteġġjatura.</td></tr>
<tr><td>▪ Il-pjan huwa relevanti mas-suġġett li ntgħażel.</td><td>1</td></tr>
<tr><td>▪ Il-pjan huwa organizzat sew.</td><td>1</td></tr>
<tr><td colspan="2">Student li jikkopja l-għajnuniet mogħtija mingħajr ma jżid xejn minn tiegħu, jew li jagħmel pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li għażel, ma jiħux marki.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="6">Ċ. Il-Kitba ta' Storja (18-il marka)</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-istudenti għandhom jiktbu bejn 140 u 200 kelma.</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-Espressjoni (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0-1</td><td colspan="3">2</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba – ebda marka.<br>▪ Ma jafx jikkomunika sewwa l-ħsibijiet b'kitba ċara u b'ordni – marka waħda.</td><td colspan="3">▪ Jaf jesprimi ruħu tajjeb, b'mod ċar u b'ordni – żewġ marki.</td></tr>
<tr><td colspan="6">It-Tqassim (2 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0-1</td><td colspan="3">2</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Kitba bla ebda tqassim f'paragrafi ma tingħata l-ebda marka.<br>▪ Kitba mqassma f'aktar minn paragrafu wieħed, imma bla daħla u għeluq, tingħata marka waħda biss.</td><td colspan="3">▪ Kitba mqassma f'paragrafi bis-sens, bid-daħla, il-qalba u l-għeluq, tingħata żewġ marki.</td></tr>
<tr><td colspan="6">Il-Vokabularju (4 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">1 - 2</td><td colspan="3">3 – 4</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Kitba li għandha firxa limitata ħafna ta' vokabularju.</td><td colspan="3">▪ Kitba li għandha firxa wiesgħa ta' vokabularju.</td></tr>
<tr><td colspan="6">Il-Grammatika, inkluża s-Sintassi (4 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">1 - 2</td><td colspan="3">3 – 4</td></tr>
<tr><td colspan="3">▪ Kitba b'ħafna żbalji tal-grammatika u mingħajr struttura tajba tas-sentenzi.</td><td colspan="3">▪ Kitba bir-regoli ewlenin tal-grammatika u struttura tajba tas-sentenzi.</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-Ortografija u l-Punteġġjatura (5 marki)</td></tr>
<tr><td>0</td><td>1</td><td>2</td><td>3</td><td>4</td><td>5</td></tr>
<tr><td>Ġab iktar minn 21 żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 14 u 20 żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 11 u 13-il żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 8 u 10 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab bejn 5 u 7 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab 4 żbalji jew inqas mhux repetuti.</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-Eċċellenza (marka)</td></tr>
<tr><td colspan="6">Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka.</td></tr>
<tr><td colspan="6">F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, agħti nofs il-marka li jġib, wara li tikkoreġi b'mod normali.</td></tr>
</table>